MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2008

Avviz Numru. 371/2007

**Krea (Malta) Ltd. (C30172)**

**Vs**

**Joan Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta’ April 2007, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s- somma ta’ elf mitejn u tlieta u hamsin Euro u ghoxrin centezmu (€1253.20) ekwivalenti ghal hames mija u tmienja u tletin Lira Maltin (Lm538) rapprezentanti ammont dovut bhala bilanc tal-prezz dovut mill-konvenuta ghall-bejgh ta’ ghamara debitament konsenjata fuq inkarigu taghha stess. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja tat-8 ta’ Marzu 2007 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta sad-data tal-

pagament effettiv. Il-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenuta pprezentata fit-8 ta’ Gunju 2008 li permezz taghha eccepiet illi preliminarjament l-azzjoni attrici hi preskritta ai termini tal-artikolu 2148(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-sueccepit l-inkompetenza ta’ dan it-Tribunal *rationae valoris* ai termini tal-artikolu 3(2) tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta’ Malta in kwantu l-valur tal-kuntratt mertu ta’ dan il-kaz jeccedi l-kompetenza ta’ dan it-Tribunal. Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fil-mertu it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-merkanzija de quo mhijiex tal-kwalita` pattwita, hija afflitta minn difetti u di piu` ma hijiex armata ossia mpoggija skond is-sengha u l-arti u mhix idoneja ghall-iskop li ghaliha hi ntiza. Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kollha, nkluz u dawk tal-ittra legal ital-eccipjenti datata 28 ta’ Marzu 2007, kontra s-socjeta` attrici.

Ra n-**Nota** tal-konvenuta pprezentata fil-15 ta’ Novembru 2007 li permezz taghha pprezentat Dok JZ 1 in sostenn tal-ewwel eccezzjoni taghha tal-preskrizzjoni.

Sema` x-xiehda ta’ **Chris Gauci** in rapprezentanza tas-socjeta` attrici li fil-15 ta’ Novembru 2007 xehed illi huwa *General Manager* tas-socjeta` attrici. Lill-konvenuta kienu bieghulha kcina u l-ordni saret fl-2003. Wara li giet istallata kien irrizulta difett fil-bibien, is-socjeta` attrici kienet accettat id-difett u offriet illi jtuha bieba ta’ livell u ta’ kwalita` ahjar. Di fatti kienu bidlulha l-bibien kollha. Wara li kienu stallaw il-bibien, il-konvenuta infurmathom illi filwaqt illi kienet taf li kien fadal bilanc x’jithallas hija xtaqet illi thalli sena tghaddi biex tara li ma jkolliex problemi bil-bibien godda. Huma kienu accettaw il-fatt illi jhallu sena tiddekorri u allura l-pagament kellu jkun dovut ghall-ahhar tas-sena 2005. Huwa jghid li ghal Frar, Marzu tal-2006 huwa kien cemplilha biex jara jekk hux kollox sew u hi nfurmatu illi wara l-kedded kollha li kienu tawha hija ma kinitx lesta li thallas u l-istorja waqqfet hemm.

In kontro-ezami l-istess xhud jikkonferma li l-ftehim illi semma` kien kollu verbali. Huwa jikkonferma wkoll illi minn mindu ghamlu l-bibien il-godda sakemm fethu l-kawza huma qatt ma ghamlu ittra ufficcjali lill-konvenuta. Huwa pprometta illi f'seduta ohra jgib *statement of account* tal-kont in kwistjoni sabiex jigi vverifikat meta sar l-ahhar pagament da parti tal-konvenuta. Huwa jispjega illi l-problema fil-bibien kienet inqalghet wara li ghamlet l-ahhar pagament u kien fadal il-bilanc dovut.

Sema` x-xhieda ta' **Donald Mallia** prodott mis-socjeta` attrici li waqt is-seduta tal-15 ta' Novembru 2007 xehed illi huwa jahdem bhala *Logistics Manager* mall-Krea u ghall-habta ta' Marzu, April tas-sena 2006 u hu kien prezenti meta Chris Gauci kien cempel lill-konvenuta sabiex jitlobha l-bilanc li kien ghadu dovut. Huwa jghid li t-telefon kien fuq speaker mode u jiftakar lill-konvenuta tghid li ma riditx thallas minhabba xi sensiela ta' problemi illi kellha.

In kontro-ezami l-istess xhud jghid illi ma jistax jghid kienitx is-sinjura li qed titkellem fuq it-telefon izda jghid illi Chris Gauci fil-presenza tieghu kien cempel lill-konvenuta. Huwa jista` jikkonferma li cempel n-numru taghha imma ma jistax jikkonferma l-vuci taghha.

Ra n-**Nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuta** Joan Zammitipprezentata fis-16 ta' Gunju 2008, fejn fost affarijiet ohra kkwotat l-Artikolu 2148 (b) tal-Ligijiet ta' Malta li jghid illi:

*"The following actions are barred by the lapse of eighteen months:*

*(b) actions of creditors for the price of merchandise, goods or other movable things, sold by retail."*

Hija tikkwota wkoll sentenza tad-19 ta' Gunju 1933 fl-ismijiet *'Giovanni Micallef vs Giuseppe Azzopardi'* dwar id-distinzjoni bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa u tghid li huwa car li l-konvenuta xtrat il-kcina ghall-uzu personali taghha. Ghalhekk tishaq li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik tat-tmintax-il xahar, liema perijodu skada stante illi

sad-data meta nfethet din il-kawza ghaddew kwazi 4 snin. Hija tishaq ukoll li huwa car li dan il-perijodu ma gie nterrott b'ebda att gudizzjarju jew rikonoxximent.

Ra n-**Nota ta' sottomissjonijiet responsiva tas-socjeta` attrici** pprezentata fl-14 ta' Lulju 2008 li fiha sahhqet illi s-socjeta` attrici ghazlet li tikkumbatti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni billi tipprova kemm l-interruzzjoni u/jew rinunzja kif ukoll ir-rikonjizzjoni tad-debitu min-naha tal-konvenuta Joan Zammit. Ghal finijiet tal-prova tal-interruzzjoni u/jew rinunzja u rikonjizzjoni tad-debitu s-socjeta` attrici pproduciet lil Christopher Gauci u Donald Mallia bhala xhieda, xhieda li ma gew b'ebda mod kontradetti mill-konvenuta. Mill-istess xhieda jirrizulta li l-konvenuta rrikonoxxiet l-ammont minnha dovut izda talbet dilazzjoni ta' sena ghall-hlas peress illi riedet tara jergghux jigu riskontrati xi difetti, ghalhekk jirrizulta li l-perijodu ta' 18-il xahar ghandhom jinghaddu mill-ahhar tas-sena 2005.

Hija tikkwota bosta sentenzi fosthom *'Austin Psaila vs Lother Slabick'* li jsostnu li talba ghal dilazzjoni tal-hlas timporta interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

Is-socjeta` attrici sostniet ukoll illi l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni hija manifestament inkompatibbli mat-tielet eccezzjoni li l-merkanzija ma hijiex tal-kwalita` pattwita, hija afflitta minn difetti u di piu` ma hijiex armata ossia mpoggija skond is-sengha u l-arti u mhiex idoneja ghall-iskop li ghaliha hija ntiza. Hija tishaq li meta wiehed jikkonsidra kemm it-tielet eccezzjoni kif ukoll il-konversazzjoni telefonika ma' Christopher Gauci, dak illi qeghda tghid il-konvenuta huwa illi d-dejn jezisti u ma tridx thallsu peress illi gew riskontrati xi difetti jew keded. Minn din l-ottika, l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni hija dijametrikament opposta ma' l-animu tal-konvenuta li huwa precizament dak li tikkuntesta l-mertu tal-kawza minhabba difetti.

Sema` t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra illi l-kawza thalliet ghall-llum ghad-decizjoni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta u bbazata ai termini ta' l-Artikolu 2148(b) tal-KAP 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-ewwel punt li t-Tribunal ihoss opportun illi jissindika u jiddeciedi dwaru huwa dak sollevat mis-socjeta` attrici, ossia jekk bit-tielet eccezzjoni taghha, il-konvenuta kienet in effetti qed tirrinunzja ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Isir mill-ewwel referenza ghall-sentenza ricenti moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri[1] fejn gie ritenut :

*Eliminat dan l-ilment, certament l-ewwel obbjezzjoni timmerita bil-wisq aktar approfondiment in kwantu ggib 'il quddiem ghall-ezami minn din il-Qorti l-prospettazzjoni ta' qaghda ta' inkompatibilita` bejn certa kondotta tas-socjeta` konvenuta u dik tal-volonta` taghha li topponi l-kawza estintiva ta' l-azzjoni tas-socjeta` attrici.*
*Jikkonsegwi minn dan illi r-ricerka trid tigi indirizzata ghall-kwestjoni jekk f'dik il-kondotta tas-socjeta` konvenuta hemmx insit, minghajr possibilita` ta' interpretazzjoni diversa, l-volonta` inekwivoka taghha tar-rinunzja gja maturata u, allura, jekk l-istess socjeta` konvenuta appellata kienetx qeghda hi stess, b'dak l-atteggjament taghha, tikkonsidra bhala li ghadu veljanti d-dritt ta' azzjoni li kien estint.*
*Is-sentenza appellata bl-ebda mod ma kkoncentrat ruhha fuq dan il-punt izda sempliciment illimitat ruhha ghall-accertament tad-dekorriment taz-zmien statutorju prefiss fl-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Minn naha l-ohra, fir-risposta ta' l-appell taghha s-socjeta` konvenuta tikkontendi illi l-inkompatibilita` bejn l-ewwel u t-tieni eccezzjoni taghha ma tissussistix ghaliex, fl-ewwel lok din giet hekk sollevata "minghajr pregudizzju" u f'kull kaz din mhix kontradittorja ghall-eccezzjoni l-ohra tal-preskrizzjoni.*

[1] 182/05CSH – Windsor Co. Limited vs Fithome Limited (3.10.2008)

*Fl-ispjegazzjoni moghtija minnha s-socjeta` konvenuta appellata tissottometti illi dik it-tieni eccezzjoni taghha ta' l-eccessivita` tal-kwantum kienet intiza illi f'kaz li tfalli l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi zzomm l-jedd li tikkontesta l-kwantum pretiz.*

*Premess dan, hu sew maghruf in linea ta' principju generali illi r-rikonoxximent ta' debitu jista' jestrinsika ruhu sew minn dikjarazzjoni esplicita, sew minn kull fatt iehor, kompriza l-manifestazzjoni tacita tal-volonta`, li jimplika l-ammissjoni tad-dritt kreditorju tal-kontro-parti. Skond ma hu ritenut "ir-rikonoxximent mhux haga ohra hlief rinunzja, u ghalhekk issir applikabbli ghalih ir-regoli komuni tarrinunzja, fosthom dik li tkun espressa jew tacita". ("***Nicola Farrugia proprio et nomine -vs- Francesco Farrugia et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 10 ta' Dicembru, 1954).*

*Wisq naturali, in meritu ghall-punt hawn ikkunsidrat, ir-rinunzja, minhabba l-effett ta' fatt jew att inkompatibbli mal-volonta`, tista' tigi dezunta anke minn certi difizi formulati b'mod li jimplikaw l-ammissibilita` tad-dritt kreditorju. Kif pero` jinsab kawtelat "f'dan l-ezami ghandu naturalment isehh il-principju li jiggoverna kwalunkwe rinunzja tacita, cioe`, illi l-fatt li minnu tigi indotta r-rinunzja tacita jehtieg ikun tali li ma jistax ragonevolment jigi interpretat mod iehor ghajr illi min ghamlu ried jirrinunzja.*

*Dan ifisser illi, biex jista' jinghad li l-konvenuta rrinunzjat tacitament ghall-preskrizzjoni issa eccepita minnha, jehtieg li l-Qorti tkun sodisfatta illi l-ghemil taghha huwa inkompatibbli mal-volonta taghha li tivvantaggja ruhha mill-preskrizzjoni akkwistata". ("***Joseph Borg -vs- Nobbli Maria Testaferrata Bonici***", Appell Civili, 24 ta' Marzu, 1958).*

*Il-Qorti hawnhekk jidhrilha opportun li tillustra r-riljevi maghmula b'xi ezemplari rakkolti mill-gurisprudenza:-*
*(1) Fejn jirrizulta illi d-debitur "avesse confessato, anche indirettamente, di non aver pagato il debito che risultasse veramente dovuto, egli non puo opporre la prescrizione*

*suddetta” – “**Parroco Sac. Francesco Saverio Mifsud -vs- Nicola Decelis**”, Appell Civili, 28 ta’ Frar, 1921;*
*(2) “Min jiddikjara li ma jafx bl-ezistenza tad-dejn li jintalab kontra tieghu, imma fl-istess hin jghid li jekk issir il-prova relattiva huwa jhallas jigi li jinterrompi l-preskrizzjoni, jew jirrinunzja ghaliha” – “**Giuseppe Duca - vs- Giuseppe Galea**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 21 ta’ April, 1961;*
*(3) “L-eccezzjoni tal-kompensazzjoni timporta rikonjizzjoni tad-dejn, u dan ir-rikonoxximent jinterrompi l-preskrizzjoni, u jimporta wkoll rinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun gja kompjuta” – “**Negte. Carmelo Schembri et -vs- Neg. Costantino Balzan et**”, Appell Kummercjali, 3 ta’ Frar, 1950;*
*(4) Aktar vicin il-fattispeci tal-kaz prezenti nsibu illi meta l-konvenut jiddifendi ruhu billi jghid li ma ghandux jaghti daqshekk jew li l-ammont mitlub huwa esagerat, hemm rinunzja tacita ghall-preskrizzjoni billi d-debitur “senza negare di essere tale, si limiti a discutere ed impugnare l’ammontare dovuto” (“**Giovanni Camilleri -vs- Salvatore Mangion**”, Appell Inferjuri, 1 ta’ Ottubru, 1927). B’dik id-difiza l-ohra jsegwi li d-debitur mhux qed jichad li ghandu jaghti imma biss jallega li huwa jidhirlu li ma ghandux jaghti daqs kemm il-kreditur jippretendi minghandu. B’dan il-fatt huwa jigi li rrinunzja tacitament ghall-preskrizzjoni. Ara “**Giorgio Demarco et -vs- Giovanni Aquilina**”, Appell Kummercjali, 10 ta’ Gunju, 1946. Fl-istess sens is-sentenzi fl-ismijiet “**Giovanni Sammut -vs- Philip A. Grima**”, Qorti tal-Kummerc, 7 ta’ Ottubru, 1954 u “**Anthony Fenech et nomine -vs- John Saliba**”, Qorti tal-Kummerc, 21 ta’ April, 1971.*

*Jekk wiehed joqghod ghall-enuncjazzjonijiet stabbiliti f’dawn l-ahhar decizjonijiet imsemmija, ghandu jinzel b’konsegwenza illi l-preskrizzjoni opposta mis-socjeta` konvenuta f’dan il-kaz kellha tigi ritenuta ineffikaci in kwantu inkompatibbli ma’ dik l-eccezzjoni l-ohra sottomessa illi l-ammont huwa wiehed eccessiv. Bi twegiba ghal certu riljev maghmul mis-socjeta` konvenuta appellata, biex wiehed jissellef il-hsieb ikkummentat fid-decizjoni “**Felice Fenech -vs- Carmelo Bellia**”, Prim’Awla, Qorti Civili, 29 ta’ Jannar, 1960, anke jekk f’dak il-kaz, l-eccezzjoni l-ohra trattava ta’ wahda ta’*

*kompensazzjoni, "xejn ma jiswa illi l-kompensazzjoni tigi opposta in subordine u bla pregudizzju ta' l-eccepita preskrizzjoni, in vista tal-principju 'protestatio contra factum non relevat', u bil-fatt tieghu stess il-konvenut gie rrinunzja ghall-preskrizzjoni u ghalhekk ma setax isalvaha b'semplici rizerva". Hsieb dan li sab terren fertili fid-decizjoni*
*fl-ismijiet "***Antonia Attard Gialanze -vs- Emanuel u Doris Rizzo***", Appell Inferjuri, 29 ta' Jannar, 1998, b'fattispeci konsimili hafna ghal dawk tal-kaz odjern, u fejn il-Qorti ziedet tghid illi "l-argoment li l-konvenuti kienu obbligati li jressqu l-eccezzjonijiet kollha taghhom f'daqqa ma jbiddelx mis-sustanza ta' din id-dottrina legali kif enuncjata".*

Konfortat b'analzi tant dettaljata u preciza kif taf taghti l-Qorti ta' l-Appell, it-Tribunal isib il-konfort tieghu fid-decizjoni li jrid jiehu hawnekk.

Applikati l-hsibijiet f'paragarfu numru (4) fil-parti fejn il-Qorti ta' l-Appell tat ezempji minn gurispridenza nostrana, it-Tribunal jara similarment illi bit-tielet eccezzjoni taghha, il-konvenuta poggiet ghad-diskussjoni l-kwalita` tal-merkanzija lilha kkonsenjata u l-allegati difetti li jista` fiha u b'hekk, tacitament, irrinunzjat ghall-eccezzjoni minnha sollevata qabel.

Bit-tielet eccezzjoni mressqa mill-konvenuta, it-Tribunal ihossu sodisfatt illi l-konvenuta rrinunzjat tacitament ghall-preskrizzjoni, u illi l-ghemil taghha huwa inkompatibbli mal-volonta taghha li tivvantaggja ruhha mill-preskrizzjoni li setghet kienet giet akkwistata.

Ghar-ragunijiet hawn fuq elenkati, ghalhekk it-Tribunal, wara illi qies ic-cikostanzi kollha tal-kaz qieghed jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta, dik bbazata fuq l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2148(b), jordna l-prosegwiment tal-kawza u jiddifferixxi l-kawza ghas-smigh fil-mertu ghal nhar 12 ta' Frar 2009.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------